# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 604/01mm**

**Standard Publications Ltd**

**vs**

**Chalman Catering Company Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u erbgha u hamsin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm354.77) ghall-"Advertising" fil-gazzetti publikati

mill-kumpanija attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta skond id-Dok A anness.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar, 2001, u bl-ispejjez tal-Mandat ta' Qbid konteswali, kif ukoll bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte, stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-15 ta' Jannar, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur